18 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Loug. Kur. George Curmi, O.B.E., ne. *versus* Spiridione L. Mizzi ne. et.

## Konkorrenza Sleali — Tixrid ta' Notizzji — Penali — Art. 38 tal-Kodiċi tal-Kummerċ

*L-estremi li fil-konkors tagħhom tivverifika ruħha l-konkorrenza illeċita huma tnejn: id-dannu, jiġifieri l-preġudizzju li l-kummerċjant jarreka lil kummerċjant ieħor b'dik il-konkorrenza, u l-użu ta' mezzi illeċiti, ta' mezzi kuntrarji għall-liġi, li jivvjolaw id-dritt ta' ħadd ieħor. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm konkorrenza illeċita jeħtieġ illi d-dannu li kummerċjant jarreka lil kummerċjant ieħor bil-konkorrenza jkun dovut għal mezzi diżonesti, illegali, magħmulin bl-abbuż tad-drittijiet tiegħu.*

*Għalkemm il-liġi tipprevedi biss il-forom l-aktar soliti ta' din il-konkorrenza, ma hux però leċitu li l-każijiet jiġu estiżi oltre dawk minnha preveduti; għaliex si tratta ta' veri u proprji delitti kummerċjali, li jagħtu lok għal konsegwenzi wisq serji.*

*Fost dawn il-każi l-liġi tipprevedi dak tal-kummerċjant li għal skop ta' konkorrenza jxerred notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra; u għar-rigward ta' din il-forma ta' konkorrenza illeċita l-liġi ma teżiġix li l-fatti danneġġjanti jkunu falzi; anki d-diffużjoni ta' fatti veri hija punita; imma fl-istess ħin il-liġi trid l-intenzjoni speċifika fil-propalatur tan-notizzji, jiġifieri dik li jagħmel konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali, li jista' jiġi dedott minn kumpless ta' ċirkustanzi, il-liġi neċessarjament tħallieh fl-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant.*

*Huwa veru li, biex ikun hemm konkorrenza illeċita, jeħtieġ li n-notizzji jiġu mxerrdin minn konkorrent a preġudizzju ta' konkorrent ieħor; imma xejn ma jimporta li dan il-preġudizzju jkun ta' entità żgħira; il-fatt biss li jkun hemm il-konkorrenza huwa biżżejjed.*

*Il-penali li għandha tiġi stabbilita mill-Qorti kontra l-konkorrent sleali hija ta' mhux anqas min £10 u mhux iżjed minn £500, avut rigward għall-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u ċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra tal-każ.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenuti mportaw cars u waħħlu fuq il-"windscreen" ta' dawn il-cars karta bid-diċitura "As recommended. The engine of this car has been designed and tuned to run on Shell Super. Should a lower grade fuel be used, retuning of the engine will be essential". kif jidher mill-karta unita mal-istess att taċ-ċitazzjoni, li ġiet maqlugħa minn "windscreen" ta' waħda minn dawn il-karrozzi (dok. A); u li l-konvenuti, per mezz tal-karta b'dik id-diċitura hekk imwaħħla fuq il-cars importati minnhom, xerrdu notizzja falsa (għaliex ebda makna ma hija deżinjata esklużivament għall-petrol u/jew żjut ta' ditta waħda, imma għal skop ta' konkorrenza, peress li l-konvenuti jbigħu petrol u prodotti oħra tad-ditta "Shell", kompetitriċi mad-ditta attriċi) ikkontravvenew, b'dik id-diċitura, għas-sezzjoni 38(1) tal-Liġijiet Kummerċjali; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, (1) jiġu inibiti milli jwaħħlu fuq il-cars tagħhom jew ta' ħadd ieħor, jew milli jip-

permettu li jitwaħħlu, karti jew oġġetti oħra li jkun fihom dik id-diċitura; u fil-każ li ma jobdux, jew jikkontravvjenu għal din l-obligazzjoni, jiġu dikjarati ħatjin ta' disprezz għall-awtorità ta' din il-Qorti; (2) jiġu kundannati jaħarqu jew b'mod ieħor jiddistruġġu l-karti li jinsabu fil-pussess tagħhom u li jikkontjenu dik id-diċitura; (3) u jiġu kundannati jħallsu lilu nomine, b'titolu ta' penali, somma li tiġi stabbilita f'dak l-ammont li ma jkunx anqas minn £10 u iżjed minn £500, għat-termini tas-sezzjoni 41(3) tal-fuq imsemmija Liġijiet (Kapitolu 17). Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tal-5 ta' Novembru 1956;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, fil-fatt, jirriżulta mill-provi li l-konvenut John Mizzi nomine jirrappreżenta f'Malta d-ditta "Rootes Ltd." ta' Londra, u minn għandha jimporta l-karrozzi awtomobbli Hillman. F'ċertu żmien wasal biex jiġi prodott mudell ġdid, u d-ditta ta' Londra kitbitlu biex tinfurmah illi l-"engine unit" għal dawn il-karrozzi ġodda jopera normalment "at 8.0:1 compression ratio"; illi kien instab li din ir-"ratio" tipprovdi "maximum performance and economy with premium fuels"; u li, billi hemm xi pajjiżi fejn "premium fuels", jiġifieri "high grade fuels", mhumiex "freely available", kienu sejrin jipprovdu makni "fitted with a lower compression ratio 7.0:1", billi r-"ratio" l-oħra ta' "8.0:1" ma tagħtix "satisfactory performance with low grade fuel". Il-konvenut nomine rrispondiha illi f'Malta hawn tant is-Super Shell kemm is-Super Esso, u li l-"octane" tas-Super Shell hu mogħti "at 94 research", u li xtaq joffri "the maximum performance on the new Minx", u li, jekk l-imsemmi "octane value" hu adegwat, ried li f'kull każ, jekk ma jindikax speċifikatament il-kuntrarju, il-karrozzi jiġu mibgħutin lilu b'makni ta' 8, tal-"compression ratio". Id-ditta ta' Londra kitbitlu, u talbitu jibgħatilha "the grades of fuel available" f'Malta, biex ikun jista' jiġi deċiż jekk jistgħux

jipprovduħ jew le b'High Compression Engine" fuq l-imsemmija Hillman Minx ġdida; u huwa bagħat l-informazzjoni rikjesta, wara li kien ikkommunika mad-ditta "Shell"; u allura bdew jaslu f'Malta l-karrozzi tal-mudell il-ġdid bl-imsemmija "High Compression Engine";

Instab li kien hemm differenza fl-operazzjoni tal-makna minħabba l-petrol li kien qiegħed jiġi wżat; u allura l-konvenut John Mizzi nomine beda jirrakkomanda lill-klijenti biex jużaw petrol tax-Shell. Baqa' jirċievi lamenti simili minn klijenti; u billi kien jaf li dawk il-lamenti kienu dovuti għall-kwalità tal-petrol li kienu qegħedin jużaw, ħareġ ċirkulari, li beda jpoġġi fuq li "screen" tal-karrozzi, konċepita f'dan is-sens:— "As recommended. The engine of this car has been designed and tuned to run on Shell Super. Should a lower grade fuel be used, retuning of the engine will be essential". Dan jirriżulta prinċipalment mid-dokument mill-fol. 44 sal-fol. 47 inkluživament u fil-fol. 4 tal-proċess, u mid-depożizzjonijiet ta' John Mizzi (fol. 56) u ta' Stanley Epsom (fol. 64 tergo);

Mid-depożizzjoni tal-istess Epsom, li huwa s-"Service Manager" ta' "Muscat Garage", jirriżulta li kien hu li ssuġġerixxa l-użu tal-imsemmija ċirkulari, u li kien hu li ddetta l-kliem tagħha; u jirriżulta wkoll, mill-istess depożizzjoni, li l-fatt li karrozza tkun ġiet "tuned to run on shell petrol" ma jġibx neċessarjament illi għandu jiġi wżat biss dak it-tip partikulari ta' petrol; kull petrol ieħor li jkun "high grade petrol" jista' jiġi wżat; li dan il-"high grade fuel" jissejjaħ "Premium Fuel"; u li d-ditta attriċi għandha minn dan il-"Premium Fuel". Mill-istess depożizzjoni jirriżulta wkoll illi l-imsemmija ditta ta' Londra ma semmietx il-petrol tad-ditta "Shell", imma biss irrakkomandat l-użu ta' "High Octane Petrol", "High Grade Petrol", u li huwa, jiġifieri x-xhud, irrakkomanda l-petrol tad-ditta "Shell", li għandha petrol ta' dik il-kwalità, billi d-ditta tiegħu kienet qegħedha tbiegħ petrol ta' dik id-ditta mill-garage tagħha;

Mix-xhieda tal-konvenut John Mizzi jirriżulta li d-ditta tiegħu "tuża biss pompi" tal-kumpannija "Shell", u l-karrozzi li joħorġu minn għandha joħorġu bil-petrol "Super-Shell"; iżda ma għandux l-ebda nteress f'dik il-kumpannija (fol. 56 tergo);

Tikkunsidra, fid-dritt;

Illi l-estremi li fil-konkors tagħhom tivverifika ruħha l-konkorrenza illeċita huma tnejn: id-dannu, jiġifieri l-preġudizzju li kummerċjant jarreka lil kummerċjant ieħor b'dik il-konkorrenza, u l-użu ta' mezzi illeċiti, ta' mezzi kuntrarji għall-liġi, li jivvjolaw id-dritt ta' ħadd ieħor. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm konkorrenza illeċita jeħtieġ illi d-dannu li kummerċjant jikkaġuna lil kummerċjant ieħor bil-konkorrenza jkun dovut għal mezzi diżonesti, illegali, magħmulin bl-abbuż tad-drittijiet tiegħu;

Qabel il-promulgazzjoni tal-Att XXX tal-1927 kienet kwistjoni wisq spinuża sabiex jiġi stabbilit meta jispiċċa l-użu tad-dritt proprju u tibda l-vjolazzjoni tad-dritt ta' ħadd ieħor; iżda l-liġi viġenti — Kodiċi tal-Kummerċ, li kkonsolidat il-liġijiet dwar il-kummerċ, fosthom l-Att fuq imsemmi, neħħiet dawk l-inċertezzi, billi hija tipprevedi u tippunixxi l-varji forom li fihom ordinarjament timmanifesta ruħha l-konkorrenza illeċita. U għalkemm il-liġi tipprevedi biss il-forom l-aktar soliti ta' dik il-konkorrenza, iżda mhux leċitu li l-każijiet jiġu estiżi oltre dawk minnha preveduti, għaliex trattasi ta' veri u proprji delitti kummerċjali, li jagħtu lok għal konsegwenzi wisq serji. Dawn il-varji forom huma dawk imsemmijin fl-artikoli 36, 37, 38, 39 u 40 tal-imsemmi Kodiċi tal-Kummerċ;

Manifestament, lattur jara fl-aġir fuq riferit dik il-forma prevista fl-art. 38(1), fejn jingħad illi:— "Il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kommerċjanti oħra";

A propożitu ta' din il-forma ta' konkorrenza, għandu jiġi notat, l-ewwelnett, li l-liġi ma teżiġix li l-fatti dannegġjanti jkunu falzi; anki d-diffużjoni ta' fatti veri hija punita; imbgħad, illi l-liġi trid l-intenzjoni speċifika fil-propalatur tan-notizzja jew notizzi, jiġifieri dik li jagħmel konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element intenzjonali, li jista' jiġi deżunt minn kumpless ta' ċirkustanzi, il-liġi neċessarjament tħallieh fl-arbitriju prudenzjali tal-ġudikat:

Tikkunsidra;

Illi l-karta fuq riferita, li ġiet poġġuta fuq li "screen" tal-karrozzi awtomobbli "Hillman Minx", tagħti n-notizzja li l-makna ġiet deżinjata u "tuned to run on Shell Super". Ma tgħidx li għandu jiġi wżat biss dak il-petrol tad-ditta "Shell", jew li petrol ieħor ta' ditta oħra mhumiex tajbin, jew li mhumiex tajbin daqs *dak il-petrol tad-ditta "Shell"*; imma biss li jekk jiġi wżat "a lower grade fuel", ikun jeħtieġ ir-"retuning" tal-makna. Iżda, għalkemm bi proċess ta' raġunament wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li, skond dak li ngħad f'dik il-karta wieħed jista' juża l-petrol ta' kawlunkwe ditta oħra oltre dak tad-ditta "Shell", purkè ma jkunx inferjuri għal *dak menzjonat* fl-istess karta, tad-ditta "Shell", jista' wieħed jifhem, jekk ma joqgħodx jirrifletti sewwa — u dan il-grad ta' riflessjoni ma hux mistenni — li l-użu ta' petrol ieħor li ma jkunx Shell Super iġib in-neċessità tar-"retuning" tal-makna, u dan jista' jkun ta' ħsara għad-ditti l-oħra kollha, fosthom dik attriċi, li jipproduċu petrol ta' dik il-kwalità hekk għolja; u hija biżżejjed, skond il-liġi, il-possibilità ta' din il-ħsara għall-konkorrenza illeċita. U inoltre, lanqas ma tirriżulta pruvata l-imsemmija ċirkustanza li l-karrozzi ġew "tuned to run on Shell Super"; l-imsemmi Epsom, difatti, xehed illi d-ditta "Rootes Ltd." ta' Londra rrakkomandat "High Octane Petrol"; *ma qalx* li qalet li l-makni ġew "designed and tuned to run on Shell Petrol"; stqarr li kien ikun biżżejjed, biex jiġi raġġunt l-iskop, li l-klijenti jkunu jafu li għandhom jużaw "high grade petrol", li jingħad biss li hu neċessarju

l-"high grade petrol", mingħajr ma jagħmel riferenza għall-petrol tad-ditta "Shell" (fol. 65); intant semma dak il-petrol ta' dik id-ditta; u stqarr ukoll għaliex għamel hekk; għaliex id-ditta tiegħu kienet qegħdha tbiegħ petrol ta' dik id-ditta, u għalhekk ried jirrakkomandaħ biex dawk il-klijenti li ma kienux qegħedin jużaw dak il-petrol jibdew lilu (fol. 64 tergo);

Sempliċi rakkomandazzjoni ma kien ikun fiha xejn; iżda, kif ġa ġie rilevat, kif ġiet redatta, l-imsemmija karta tista' tagħti l-impressjoni li dak il-petrol biss — tad-ditta "Shell" — huwa tajjeb; intant, sew huma kemm ukoll il-konvenut John Mizzi nomine, kienu jafu li dan ma kienx minnu. Jiżdied illi dan John Mizzi xehed li d-ditta tiegħu taħdem "hand in hand" mad-ditta "Rootes Limited", u din taħdem bl-istess mod mad-ditta "Shell" (fol. 56 tergo);

Mill-kumpless taċ-ċirkustanzi, mela, jidher illi, għalkemm id-ditta konvenuta "The Industrial Motor Company Limited" ma kellhiex unikament, jew prinċipalment, il-ħsieb, l-intenzjoni li tagħmel konkorrenza lid-ditta attriċi fl-ispaċċ tal-petrol, iżda kellhom anki din l-intenzjoni, billi anki huma kienu nteressati fil-kummerċ ta' dak il-petrol, għaliex kienu jbiegħuħ anki huma mill-garage tagħhom, naturalment għal skop ta' gwadann;

Huwa veru li, biex ikun hemm konkorrenza illeċita, jeħtieġ li n-notizzji jiġu mxerrdin minn konkorrent a preġudizzju ta' konkorrent ieħor, u li d-ditta "The Industrial Motor Company Limited" ma għandhom l-ebda nteress fil-kumpannija tax-"Shell"; iżda għandhom interess fl-ispaċċ tal-petrol ta' dik id-ditta billi jbiegħuħ fil-garage tagħhom, u naturalment, aktar ma jiġi wżat mill-klijenti tagħhom akbar ikun il-qliegħ li jagħmlu b'dan in-negozju. Xejn ma jimporta illi dan in-negozju huwa ta' entità żgħira a paragun tan-negozji l-oħra tal-istess ditta. Jibbasta li jkun hemm konkorrenza, u din il-konkorrenza tal-imsemmija

ditta fil-bejgħ ta' petrol ta' ditti oħra tirriżulta għas-suffiċjenza. Konkorrent huwa wkoll dak in-neguzjant li b'xi mod jaħdem artikoli simili u jkun b'xi mod — wisq jew ftit xejn ma jimporta — interessat li jmexxi l-artikolu li huwa jaħdem. U difatti, il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi sabet illi jikkommetti konkorrenza sleali dak l-eżerċent ta' negozju fejn jingħataw bibiti bl-imnut, li, mitlub kategorikament biex jiffornixxi bibita, jagħti bibita oħra bħalha, iżda ta' produttur ieħor. Irriteniet li jagħmel konkorrenza sleali għad-dannu tal-produttur minnu, bl-imsemmi mod, sostitwit, u żammitu responsabbli għad-danni di fronti għal dak il-produttur (App. Pariġi, 24 ta' Novembru 1910, Soc. S. Raffaele-China vs. Lassous, Monit. Trib. 837);

Però, il-konkorrenza illeċita fuq riferita saret biss midditta "The Industrial Motor Company Limited". Ma hemm l-ebda prova li għamluha wkoll iż-żewġ ditti l-oħra konvenuti;

Tikkunsidra, dwar il-penali;

Illi din il-penali għandha tiġi stabbilita minn din il-Qorti, fis-somma li ma tkunx anqas minn £10 u mhux iżjed minn £500, avut rigward għall-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u ċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra tal-każ;

Kunsidrati ċ-ċirkustanzi fuq riferiti, il-Qorti hija tal-fehma illi din il-penali, f'dan il-każ in ispeċje, ma għandhiex tissupera l-minimum;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi t-talbiet tal-attur nomine in kwantu huma diretti kontra l-konvenuti Spiridione Mizzi nomine u Joseph Mizzi nomine, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, u kwindi tilqa' t-talbiet, in kwantu huma diretti kontra l-konvenut John Mizzi nomine, u tiffissa fis-somma ta' £10 l-penali li dan għandu jħallas lill-attur nomine.